Djoċesi ta' Għawdex

Newsheet tal-Għaqdiet Kattoliċi

Segretarjat għall-Appostolat tal-Lajċi

Nru. 480 **DIĊEMBRU 2016**

Il-wiċċ uman tal-Kurċifiss

"Għalkemm, wieqaf f'soċjetà mingħajr ħniena, il-Kurċifiss huwa għelm tal-miżerikordja ta' Alla. Fil-fatt, imsallba ma' Ġesù kien hemm żewġ ħallelin. Tant kienu ħziena li kkundannawhom għall-mewt. Imma l-Kurċifiss lil dak il-ħalliel li s-soċjetà kienet qatgħet qalbha minnu, jerġa' jixgħellu l-fjamma tat-tama. Minn fuq is-salib, Ġesù jgħid lil dan il-ħalliel li jekk is-soċjetà kienet tilfet kull fiduċja fih, Alla xorta għadu jemmen fih; jekk is-soċjetà kienet qatgħet jiesha minnu, Alla kien għadu interessat fih. Għalkemm bniedem ħażin, Ġesù jgħidlu: "Illum tkun miegħi l-Ġenna!".

Din l-attiduni kollha ħniena ta' Ġesù għandha tagħmlilna l-qalb. L-ewwel nett għaliex fil-ħajja jkun hemm waqtiet fejn kull wieħed minna jiġi konxju mill-ħażen u d-dnubiet tiegħu. Xi drabi tant inkunu ħawwadna fil-ħajja, li nintremew għall-mewt! Imma minn fuq is-salib, Kristu qed jgħidilna biex ma naqtgħux qalbna. Inħoss li qed jgħidilna li anki jekk għamilna dnubiet koroh jew qed ngħixu f'sitwazzjoni tad-dnub, Alla mhux ser jiskartana...

Din mhix skuża biex il-bniedem jogħdos fid-dnub; imma hija aħbar tajba li tgħinna nagħmlu l-kuraġġ u nintelqu f'idejh. Aħna ma nistgħux insalvaw bil-ħila tagħna nfusna, imma jekk biss inħallu qatra demm minn ta' Ġesù tinżel fuqna u taħsilna mid-dnub tagħna." *(Silta mill-Messaġġ tal-isqof Mario Grech, Ċelebrazzjoni Djoċesana ta' Kristu Re, ix-Xewkija, il-Ħadd 20 ta' Novembru 2016).*

FESTA TAL- IMMAKULATA KUNĊIZZJONI

Il-Ħamis, 8 ta' Diċembru 2016

Nhar Il-Ħamis, 8 ta' Diċembru 2016 hija s-solennità tat-Tnissil bla Tebgħa tal-Verġni Mqaddsa Marija. Kull Għaqda, Moviment u Grupp Ekkleżjali għandu jħeġġeġ lill-membri tiegħu biex jiċċelebraw dan il-jum b'qima kbira permezz tal-quddies, tas-smigħ tal-Kelma ta' Alla u tat-tqarbin; kif ukoll b'talb ieħor, speċjalment permezz tar-Rużarju Mqaddes u b'xi opra tal-ħniena ma' dawk li huma l-iktar fil-bżonn tal-għajnuna spiritwali u materjali.

Velja tal-Immakulata

fis-Santwarju tal-Kunċizzjoni, il-Qala, Għawdex. L-Erbgħa. 7 ta' Diċembru 2016. 8.30pm – 10.00pm.
Programm: Kant ta' Tifħir, Talb u Quddiesa

NOVENA TAL-MILIED

Nhar Il-Ħamis, 15 ta' Diċembru 2016 tibda n-Novena bi tħejjija għall-Milied. Inħeġġu l-membri tal-Għaqdiet biex jipparteċipaw.

Jiem speċjali li nfakkru f'dan ix-xahar:

- ✓ It-Tlieta, 1 ta' Diċembru Jum Dinji kontra l-AIDS (ĠM)
- ✓ Is-Sibt. 3 ta' Diċembru: Jum Internazzjonali tal-Persuni b'Diżabbiltà (ĠM)
- ✓ It-Tnejn, 5 ta' Diċembru: Jum il-Volontarjat
- ✓ Is-Sibt, 10 ta' Diċembru: Jum id-Drittijiet tal-Bniedem (ĠM)
- ✓ It-Tlieta, 13 ta' Diċembru: Jum ir-Repubblika (Festa Nazzjonali)

Christmas Carol Celebration

għar-residenti barranin ta' kull denominazzjoni
L-Erbgħa 14 ta' Diċembru 2016 - organizzat mil-Leġjun ta' Marija - fil-Parroċċa ta' Kerċem (7.00pm).
Il-membri tal-għaqdiet huma ġentilment mitluba jgħaddu dan l-avviz lil ħbiebhom residenti barranin.

ADORAZZJONI MILL-MOVIMENT EWKARISTIKU GHAWDXI

- *Is-Sibt 3 ta' Diċembru* – Knisja tar-Raġħaj it-Tajjeb, Victoria.
- *Is-Sibt 10 ta' Diċembru* – Knisja tal-Madonna tal-Karmnu, ta' Ħamet.
- *Is*-Sibt, 17 ta' Diċembru – Knisja ta' San Franġisk, Victoria.
- *Il-Ħamis, 24 ta' Diċembru* - Knisja ta' Savina, ir -Rabat - *quddiesa fit-8pm u adorazzjoni sal-10pm.*
- *Is-Sibt, 31 ta' Diċembru* - Knisja Parrokkjali tan-Nadur - *l-ewwel quddiesa tibda fid- 8.45pm.*

NB: L-iljieli kollha jibdew b'quddiesa fit-8.00pm (barra tal-31 ta' Dicembru) u jkun hemm quddiesa ohra f'nofsillejl (barra fl-24 ta' Dicembru).

GRAZZI... AWGURI!!!

Irroddu ħajr lil dawk kollha li taw is-sehem tagħhom matul din is-sena 2016 biex din in-'Newsheet' tal-Għaqdiet Kattoliċi tasal u tinqara kull xahar fil-laqgħat, kif ukoll tintuża mill-mezzi soċjali.

Nixtiequ nagħtu l-awguri sinċieri tagħna tal-Milied Qaddis 2016 u Sena Ġdida 2017 mimlija risq, barka u ħidma fil-Mulej li ġej.

DIĊEMBRU 2016	KALENDARJU PASTORALI	Numru 480

1. Il-Ħamis	Jum Dinji kontra l-AIDS (ĠM) / Ġurnata ta' Adorazzjoni Ewkaristika b'talb għall-vokazzjonijiet (Kappella tas-Seminarju – 7.00am-8.00pm) / Adorazzjoni Grupp ta' Talb Dun Mikiel Attard (Kappella tas-Seminarju – 7.00pm).
2. Il-Ġimgħa	L-Ewwel Ġimgħa tax-xahar. Adorazzjoni u Tqarbina Riparatriċi / Quddiesa għall-professjonisti Knisja ta' Santu Wistin fit-8.00pm Qabel ikun hemm ħin għall-qrar. Laqgħa għall-Persuni Separati (Istitut tal-Familja Papa Ġwanni Pawlu II fit-8.30pm)
3. Is-Sibt	San Franġisk Saverju. Tifkira (O). Nitolbu għall-Missjunarji tagħna. Jum Internazzjonali tal-Persuni b'Diżabbiltà (ĠM). Lejl Adorazzjoni mill-Moviment Ewkaristiku (Knisja tar-Ragħaj it-Tajjeb, ir-Rabat - Quddies: 8.00pm u f'nofsillejl). Ċenaklu Azzjoni Kattolika, Victoria fil-4.30pm.
4. Il-Ħadd	**It-Tieni Ħadd tal-Avvent (Sena A).** December Function ghal-Leġjunarji kollha (Munxar – 4-6pm). Films ghall-familja kollha fl-Oratorju Don Bosco, Victoria fil-5.30pm.
5. It-Tnejn	Jum il-Volontarjat.
6. It-Tlieta	San Nikola Isqof ta' Bari. Tifkira.
7. L-Erbgħa	Sant Ambroġ Isqof u Duttur tal-Knisja. Tifkira (O). Laqgħa tal-Kulleġġ tal-Kappillani / Każ Morali (Seminarju - 4.00pm). Velja tal-Kunċizzjoni (Santwarju tal-Kunċizzjoni, il-Qala - 8.30pm). *Kunċert tal-Milied* (St. Francis School). Laqgħa Kummissjoni Djoċesan Familja (Istitut tal-Familja Ġwann Pawlu II Rabat - 7.30pm).
8. Il-Ħamis	**Solennità tal-Immakulata Kunċizzjoni.** Festa fil-Knisja ta' San Franġisk, Victoria, u fil-Knisja tal-Kunċizzjoni, Qala. Adorazzjoni animata mil-Leġjun ta' Marija (Knisja ta' San Franġisk, Victoria – 3.00pm./ Mixja ta' tħejjija għaż-żwieġ u għall-ħajja tal-Familja (Dar San Ġużepp, Santa Venera, Malta).
9. Il-Ġimgħa	San Juan Diego Cuauhtlatoatzin. Tifkira/ Kunċert tal-Milied (Santa Tereża). Bidu tal-Adorazzjoni Solenni fil-Knisja Ta' Ħamet. Lejl Adorazzjoni ghas-saċerdoti fil-Knisja ta' Ħamet li jibda fit-8.00pm sa nofsillejl.
10. Is-Sibt	Il-Beata Verġni Marija ta' Loreto. Tifkira / Jum id-Drittijiet tal-Bniedem (ĠM). Kunċert tal-Milied (Laura Vicuna) / Lejl Adorazzjoni mill-Moviment Ewkaristiku Kappella Ta' Ħamet – Quddies mill-E.T. Mons Isqof Mario Grech fit- 8.00pm u ikun hemm oħra f'nofsillejl.
11. Il-Ħadd	**It-Tielet Ħadd tal-Avvent (Sena A).** **Festa ta' Santa Luċija Verġni u Martri (Santa Luċija).** Gheluq tal-Kwaranturi fil-Knisja Ta' Ħamet (quddiesa fis-7.30pm) / Kunċert tal-Milied (Konservatorju Primarja) / Films ghall-familja kollha fl-Oratorju Don Bosco, Victoria fil-5.30pm
12. It-Tnejn	L-Imqaddsa Verġni Marija ta' Gwadalupe. Tifkira.
13. It-Tlieta	Santa Luċija Verġni u Matri. Tifkira (O). **Jum ir-Repubblika (Festa Nazzjonali).**
14. L-Erbgħa	San Ġwann tas-Salib, Presbiteru u Duttur tal-Knisja. Tifkira (O) / KKSK (St. Teresa Kerċem) / *Carol Service* (Legion of Mary - Parroċċa ta' Kerċem - 7.00pm) / Kunċert tal-Milied (Seminarju) / Laqgħa ghall-Persuni Separati (Istitut tal-Familja Ġawnni Pawlu II fit-8.30pm).
15. Il-Ħamis	Tibda n-Novena tal-Milied fil-Parroċċi u l-Knejjes kollha.
17. Is-Sibt	Adorazzjoni ghall-Persuni Kkonsagrati fil-Parroċċa ta' Ghajnsielem li tibda fis-6.00pm sat-8.00pm / Lejl Adorazzjoni mill-Moviment Ewkaristiku Knisja ta' San Franġisk, Victoria - Quddies: 8.00pm u f'nofsillejl.
18. Il-Ħadd	**Ir-Raba' Ħadd tal-Avvent (Sena A).** Films ghall-familja kollha fl-Oratorju Don Bosco, Victoria fil-5.30pm
21. L-Erbgħa	Kunċert tal-Milied (Konservatorju Skola Secondarja).
24. Is-Sibt	Vġili tal-Milied / Lejl adorazzjoni mill-Mov. Ewk. Knisja ta' Savina mit-8.00pm. sal-10.00pm.
25. Il-Ħadd	**Solennità tat-Twelid ta' Sidna Ġesù Kristu. Il-Milied.**
26. It-Tnejn	San Stiefnu Protomartri. Festa.
27. It-Tlieta	**San Ġwann Apostlu u Evanġelista. Festa**
28. L-Erbgħa	Il-Qaddisin Innoċenti Matri. Festa.
29. Il-Ħamis	Il-Ħames Jum fost l-Ottava tal-Milied / San Tumas Becket , Isqof u Martri. Tifkira.
30. Il-Ġimgħa	**Il-Familja Mqaddsa ta' Ġesù, Marija u Ġużeppi. Festa.** Laqgħa Kummissjoni Djoċesana Familja (Istitut tal-Familja Ġwanni Pawlu II -12.00pm).
31. Is-Sibt	San Silvestru I. Papa. Tifkira. Lejl Adorazzjoni mill-Moviment Ewkaristiku fil-Parroċċa tan-Nadur - Quddies: 8.45pm u f'nofsillejl.

Te Deum laudamus!